Focus

Il-PE u d-drittijiet tal-bniedem: Il-Premju Sakharov 2010

Għat-22 darba il-Parlament Ewropew ser jagħti l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb f'Diċembru. Din l-istituzzjoni ilha tonora individwi jew organizzazzjoniiet, mill-1988, għall-isforzi tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem u kontra reġim oppressivi u l-inġustizzja. Bħal fiżiċist u rebbieħ tal-premju Nobel għall-Paċi Andrei Sakharov, huma urew devozzjoni eċċezzjonali u kuraġġ u rriskjaw ħajjithom jiġġieldu kontra l-oppressjoni u l-intolleranza.

{}Fl-Ewropa u fid-dinja madwar, il-Parlament huwa msemmi u magħruf għall-ħidma tiegħu favur ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà u d-demokrazija. Il-Premju Sakharov huwa mezz biex jiddistingwi lil dawk li ħadmu ħafna f'dan il-qasam.

Il-Parlament ser jagħti l-Premju, flimkien ma' €50 000 matul is-seduta plenarja tal-15 ta' Diċembru fi Strasburgu. Iċ-ċerimonja ta' l-għotja tkun ġeneralment madwar l-10 ta' Ottubru għaliex dan iħabbar l-anniversajru tad-Dikjarazzjoni Universali għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1948. Din is-sena timmarka s-60 sena anniversarju tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Aqra iktar dwar il-persuni nominati u ibqa' segwina sakemm jintgħażel ir-rebbieħ!

Dati

- 5 ta' Ottubru – preżentazzjoni ta' dawk nominati għall-Premju
- 18 ta' Ottubru - vot favur it-tliet finalisti fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u għall-Iżvilupp
- 21 ta' Ottubru - mexxejja politiċi jiddeċiedu min hu r-rebbieħ
- 13 ta' Diċembru - laqgħa konġunta fil-Kumitati għall-Affarijiet Barranin, l-Iżvilupp u għad-drittijiet tal-Bniedem mar-rebbieħ
- 15 ta' Diċembru 2010 -għotja tal-Premju tul sessjoni plenarja

Servizz ta' l-Istampa
Direttorat għall-Mezzi tax-Xandir
Direttur - Spokesperson : Jaume DUCH GUILLOT
Reference No.: 20101001FCS84570
Press switchboard number (32-2) 28 33000

Intervista mar-rebbieħ tal-Premju Sakharov, Guillermo Fariñas

Id-determinazzjoni kwieta ta' Guillermo Fariñas kienet evidenti fl-intervista miegħu t-Tnejn filgħaxija. Ma setax jiġi l-Ewropa biex jirċievi l-Parlament Premju Sakharov għall-Libertà tal-Ħsieb billi l-awtoritajiet Kubani għandhom preskrizzjoni li r-rebbieħ ma jistax jitħalla joħroġ mill-pajjiż. Minflok, kien hemm siġġu vojt simboliku. Hu tkellem dwar ir-rieda tiegħu li jopponi il-gvern ta' Kuba irrispettivament mis-sagrifiċċji personali li dan jista' jinvolvi. Huwa ħeġġeġ ukoll lill-UE biex iżżomm sod u tieħu pożizzjoni ħarxa kontra r-reġim. Is-Sur Fariñas tkellem dwar kif ma riedx ifittex eżilju fi Spanja għax "il-battalja" tiegħu għal-libertà tinsab fil-Kuba.

Kif tħossok dwar ir-rebħa tiegħek tal-Premju Sakharov, hekk kif rebħuh Nelson Mandela u Aung San Suu Kyi?

Inħossni impenjat ħafna dwar il-pajjiżi. Inħoss responsabbiltà kbira bil-kisba ta' dan il-premju.

Għaliex għażilt l-istrajk tal-ġuħ bħala għodda ta' protesta?

Nirrikorri għal dan il-metodu biss jekk ma jifdalli l-ebda għażla oħra, minħabba li s-saħħa tiegħi iddeterjorat mhux ħażin. Għandi tromboži fuq in-naħa xellugija ta' ġismi tiegħi, b'hekk jekk nagħmel strajk tal-ġuħ, ftit ser ikolli ċans nibqa' ħajj. Madankollu, jekk ir-ripressjoni tar-reġim twassalni għal sitwazzjoni intolerabbli, m'għandix għażla ħlief li mmutu bl-akbar dinjità possibbli.

Taħseb li l-UE għandha tibdel il-politika tagħha lejn Kuba?

Le, iżda nemmen li l-UE għandha iżid il-politika tagħha. B'mod partikolari, hemm bżonn pożizzjoni komuni u mhux tinnegozja mal-gvern. Ftakru li fil-passat l-għamlet impenji lill-UE qabel ma rċeviet għajnuna ekonomika mill-Venezwela, u bdiet itejjeb id-drittijiet tal-bniedem. Imbagħad, hekk kif tfaċċa r-reġim ta' Chavez, il-gvern Kuban ħalla n-negozjati mal-UE u żamm mal-pożizzjoni awtokratika tiegħu. Naħseb li l-UE m'għandhiex terġa' taqa' fl-istess nassa għal darb'oħra.

Il-Premju Sakharov xi jfisser għalik?

Is-sinifikat prinċipali ta' dan il-premju huwa li għall-ewwel darba l-gvern ta' Kuba, minkejja manuvri tiegħu biex jikseb l-appoġġ tal-gvern Spanjol - u sa ċertu punt - il-Santa Sede, kienet mġiegħel jċedu fuq bażi umanitarja, xi ħaġa li qatt ma seħħet qabel. Il-gvern dejjem jipprova juri li l-konflitti ma jkollhom xejn x'jaqsmu ma' nieshom stess, iżda ma' pajjiżi oħra jew blokok ta' pajjiżi. F'dan il-każ, l-imminenza tal-mewt tiegħi stess, u l-kundanna internazzjonali tal-mewt ta' Orlando Zapata, tpoġġi l-gvern f'pożizzjoni diffiċli ħafna. Imbagħad, medjatur pjuttost kredibbli bħal-Knisja Kattolika ġiet tipprova ttaffi l-iskreditazzjoni lejn l-istat Kuban.

Għalfejn irrifjutajt l-għażla ta' eżilju fi Spanja?

Mhux sejjer Spanja jew x'imkien ieħor. Ma naspirax li nkun eżiljat taħt kwalunkwe ċirkostanza. Nirispetta lil min isegwu din it-triq, imma jien nemmen li għandna battalja hawn. Jekk Alla jrid ser nibqa' ħaj u mhux ser niġi maqtul mid-dittatorjat ta' Castro. Imma naħseb li l-battalja hawn, peress li - biex nitkellem f'termini militari - ċ-ċentru ewlieni hu hawnhekk, fil-Kuba.

Kien hemm siġġu vojta fiċ-ċerimonja tal-Premju Nobel għall-Paċi u issa għall-Premju Sakharov. X'taħseb fuqha?

Naqblu fuq li jkollha siġġu vojt, iżda dak is-siġġu jrid ikollu bandiera Kubana. Nixtieq nibgħat messaġġ liċ-ċittadini kollha tal-UE li huma rrappreżentati fil-PE: tieqfux taħsbu dwar is-sitwazzjoni ta 'Kuba, għax kull jum hemm sinjali aktar ċari ta' splużjoni soċjali, anke bejn Kubani li mhumiex formalment involuti mal-movimenti ta' oppożizzjoni. Fi kwalunkwe ħin, il-gvern Kuban, li saru arroganti wara 52 sena assolutiżmu, huma kapaċi joqtlu l-kompatrijotti tiegħi u l-PE u dawk li hi tirrappreżenta għandha tkun lesta biex tikkundanna u tieħu azzjoni.

Siġġu vojt fi Strasburgu għal Guillermo Fariñas

Id-dissident politiku Kuban Guillermo Fariñas, li huwa r-rebbieħ tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb ta' din is-sena, kien irrappreżentat fil-Parlament Ewropew permezz ta' siġġu vojt, billi ma ngħatax il-permessi meħtieġa biex joħroġ mill-pajjiż.
"Għalkemm attivisti bħal Guillermo Fariñas huma ppersegwitati u mitfugħa l-ħabs, il-vuċi tagħhom ma tistax tiġi msikkta. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew huwa li jsemma dan il-leħen b'aktar saħħa. Il-Premju Sakharov huwa simbolu tal-Parlament Ewropew fil-ġlieda favur id-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Is-siġġu vojt għar-rebbieħ ta' din is-sena Guillermo Fariñas hu l-aqwa eżempju ta' kemm hija importanti din il-ġlieda," qal il-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek.

Filwaqt li esprima gratitudni lejn il-Parlament Ewropew talli "ma abbandunax lill-poplu Kuban f'din il-ġlieda twila iktar minn 50 sena għad-demokrazija," Fariñas spjega li kien aċċetta l-Premju Sakharov għax iħossu parti mill-ispirtu ta' ribelljoni li għandu l-poplu Kuban.

Fi stqarrija irrekordjata, li xxandret fil-Parlament Ewropew, Guillermo Fariñas ikkritika l-gvern tal-Havana: "Disgrazzjatament għal dawk li jiggvernawna ħażin fil-patrija tagħna, naħseb li l-fatt li ma nistax nitlaq u nerġa' niġi lura volontarjament f'din il-gżira li fiha twelidt, diġà fih innifsu huwa prova li wieħed ma jistax jiċħadha li sfortunatament xejn ma nbidel fis-sistema awtokratika ta' pajjiżi".

Huwa qal li l-politika Ewropea lejn Kuba tista' tinbidel jekk numru ta' kundizzjonijiet jiġu rispettati, fosthom:
- li jinħelsu l-priġunieri politiċi u ta' kuxjenza, u li l-gvern Kuban jimpenja ruħu pubblikament li qatt ma jerġa' jitfa' l-ħabs lill-avversarji politiċi mhux vjolenti;
- li jitwaqqfu immedjatament l-attakki vjolenti u t-theddid lill-avversarji politiċi paċifiċi fil-pajjiż mis-segwaċi militari u paramilitari tar-reġim;
- li jitħabbar li se jkunu studjati u mneħħija l-liġijiet kollha Kubani li huma kontra l-Istqarrija Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- li jqiegħdu għad-dispożizzjoni l-faċilitajiet, fil-ħajja ta' kuljum, biex ikunu jistgħu jinħolqu partiti politiċi tal-oppożizzjoni, midja mhux subordinati għas-sistema tas-"Soċjaliżmu tal-Istat", trejdjunjins indipendenti u kull tip ieħor ta' entità soċjali paċifika;
- li l-gvern jaċċetta pubblikament li l-Kubani kollha tad-dijaspora għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja kulturali, politika u soċjali ta' Kuba.

Guillermo Fariñas

Psikologu u ġurnalist, Guillermo Fariñas, li għandu 48 sena, huwa kritiku aħrax tar-reġim ta' Castro, u huwa l-fundatur ta' "Cubanacán Press," aġenzija tal-istampa indipendenti li qed tqajjem kuxjenza dwar dak li jiġri mill-priġunieri politiċi f'Kuba.

Fariñas qatta' snin f'detenzjoni u għamel strajk tal-ġuħ 23 darba bħala mod kif jiġġieled l-oppressjoni f'Kuba mingħajr vjolenza.

F'Lulju 2010, Fariñas kważi miet wara strajk tal-ġuħ ta' ħames xhur li kien beda wara l-mewt ta' Orlando Zapata Tamayo, attivist politiku li kien miet wara strajk tal-ġuħ ta' 80 jum. Huwa temm l-istrajk wara li l-gvern Kuban qabel li jeħles 52 priġinier politiku.

Guillermo Fariñas huwa t-tielet rebbieħ minn Kuba wara li ngħata l-premju ta' €50,000, wara Oswaldo José Payá Sardiñas fl-2002 u Damas de blanco fl-2005.

Siġġu vojt - mhux l-ewwel darba fil-Parlament Ewropew.

Mhux l-ewwel darba li l-Premju Sakharov ingħata meta r-rebbieħ ma kienx preżenti. Fl-2008, Hu Jia, l-aktar attivist prominenti dwar id-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, ma setax jieħu sehem fiċ-ċerimonja billi kien il-ħabs. Minflok ġie mxandar messaġġ irrekordjat ta' martu Zeng Jinyan. Fil-każ ta' Aung San Suu Kyi fl-1990 u Damas de blanco fl-2005, qraba jew rappreżentanti ħadu sehem fiċ-ċerimonja imma sa llum ir-rebbieħa ma setgħux jirċievu l-premju huma stess.

Il-Premju Sakharov

Il-Premju Sakharov għal-Liberta' tal-Ħsieb, imsemmi għal Andrei Sakharov, fiżiku u dissident politiku Sovjetiku, ilu jingħata mill-Parlament Ewropew kull sena mill-1988 lil individwi u organizzazzjonijiet li taw kontribut fil-ġlieda għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

Id-9 nominati għall-Premju Sakharov 2010

Id-disgħa kandidati nominati għall-Premju 2010 ta' Sakharov huma mressqa mill-gruppi politiċi. Dawn huma l-moviment "Access", Haytham Al-Maleh mis-Sirja, l-Organizzajoni Iżraelita "Breaking the Silence", il-Kuban Guillermo Fariñas, Sahrawi Aminetu Haidar, Dawit Isaak mill-Eritrea, Birtukan Mideksa mill-Etiopja, Don Thadeus (Nguyên Van Ly) mill-Vjetnam u l-missjoni Nisranija "Open Doors".

Dawn in-nominati ser jiġu ppreżentati uffiċjalment il-5 ta' Ottubru fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u għall-Iżvilupp u s-sotto-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem. Nominat għandu jiġi mressaq minn grupp politiku jew inkella jkollu l-appoġġ ta' 40 Membru tal-parlament.

Ħafna mill-kandidati jinsabu fil-ħabs bħala attivisti favur id-demokrazija jew id-drittijiet tal-bniedem. Il-lawreati tas-snin ta' qabel, speċjalment Aung San Suu Kyi (1990) u ċ-Ċiniż Hu Jia (2008), għandhom jibsabu taħt arrest fid-dar jew b'restrizzjonijiet għall-vjaġġi għall-moviment Kuban Ladies in White (2005). Huma ma tħallewx jiġu għall-premju.

Il-kandidati 2010 f'ordni alfabetika huma:

"Access" - nominati mill-Grupp Liberali. Dan hu moviment ċittadin li jgħin lid-difensuri għad-drittijiet tal-bniedem biex jipproteġu lilhom infushom. Hu jipprovdi għajnuna ukoll għall-mezzi tal-komunikazzjoni tagħhom, jipprovdi għajnuna teknoloġika ukoll sabiex ikollhom aċċess għall-informazzjoni minkejja ċ-ċensura ta' reġims oppressivi.

Is-Sur Haytham Al-Maleh - innominat mill-Membru Heidi Hautala u 4-il Membru ieħor. Dan l-avukat u attivist Sirjan ġie mitfuħ fil-ħabs fl-4 ta' Lulju 2010. Missjonijiet li nbagħtu biex josservaw il-proċess ta' Al-Maleh irraportaw li dan ma laqgħax il-kriterji internazzjonali għal proċess ġust.

Breaking the Silence - il-moviment intressaq mill-Grupp tal-Ħodor/EFA) flimkien mal-Grupp tax-xellug (GUE/NGL). Dan il-moviment Iżraeljan ġie stabbilit mill-Forzi għad-Difiża Iżraeljana, suldati u veterani li jipprovdu testimonjanza tas-servizz militari tagħhom fil-West Bank, Gaza u Ġerusalemm tal-Lvant fit-tieni Intifada. Hi toffri pjattaforma lil personnel Iżraeljan biex jiddeskrivu l-esperjenzi tagħhom f'territorji okkupati mill-Iżrael mingħajr biża'.

Guillermo Fariñas - dan it-tabib tressaq mill-Grupp tal-PPE, u l-grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti flimkien ma' Edvard Kožušník u 91-il Membru ieħor. Tabib tal-psikoloġija Kuban, ġurnalist indipendenti u dissident politiku is-Sur Fariñas għamel 23 straj tal-ġuħ tul is-snin bix jipprotesta kontra r-reġim Kuban u ċ-ċensura tiegħu.

Is-Sa. Aminetu Haidar - nominata minn Norbert Neuser, Willy Meyer, Raül Romeva i Rueda u 40 MPE ieħor. Hi tistinka favur id-drittijiet tal-bniedem u attivista politika għall-indipendenza tas-Saħara tal-Punent. Ġieli tiġi msejħa "il-Ghandi tas-Saħara" għall-protesti non-vjolenti tagħha, fosthom strajkijiet tal-ġuħ - dan f'isem l-indipendenza tas-Saħara tal-Punent.
Is-Sur Dawit Isaak - nominat minn Olle Schmidt, Cecilia Wikström, Marit Paulsen u Lena Ek u 37 MPE ieħor. Ġurnalist mill-Eritrea b'ċittadinanza Svediża, is-Sur Isaak kien priġunier politiku mill-2001, fejn inżamm f'kundizzjonijiet ħorox ħafna. Il-PE sejjaħ għall-ħelsien immedjat tiegħu.
Is-Sa. Birtukan Mideksa - nominata mill-Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Socjalisti u d-Demokratici fil-Parlament Ewropew (S & D). Politikanta Etjopjana u eks-imħallfa, hi l-mexxeja tal-partit tal-oppożizzjoni Unità għad-Demokrazija u l-Ġustizzja. Fit-28 ta' Diċembru 2008, hija kienet ikkundannat għal għomorha il-ħabs. Hi tkompli "l-ġlieda paċifika għal iktar demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt" fl-Etjopja.
Dun Thadeus, Nguyen Van Ly - nominat mill-Konservattivi u Riformisti Ewropej (ECR). Father Thadeus hu qassis Vjetnamit u attivist ewlieni għad-drittijiet tal-bniedem, li juża metodi non-vjolenti biex tippromwovi d-drittijiet universali tal-bniedem.
Open Doors - nominati mill-Konservattivi u Riformisti Ewropej (ECR). Missjoni Kristjana denominazzjonali li tappoġġja l-insara ppersegwitati f'postijiet fejn dawn jiffurmaw minoranza reliġjuża. Bħalissa huma attivi f'aktar minn 45 pajjiż.
Li jmiss: min kien Andrei Sakharov; kif kien jiġġieled għad-drittijiet tal-bniedem?

Andrei Sakharov - Il-persuna wara l-premju

Meta miet 20 sena ilu, Andrei Sakharov laħaq bena reputazzjoni bħala fiżiċista nukleari, attivist favur id-drittijiet tal-bniedem u rebbieħ tal-Premju Nobel. Il-biża' tiegħu fuq l-implikazzjoni ta' xogħolu ġegħlitu jaħdem għall-paċi u iktar tard għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni Sovjetika. B'hekk il-Parlament Ewropew stabbilixxa premju f'ismu.
Andrei Sakharov bid-dati

1921: Twieled f'Moska fl-21 ta' Mejju, iben ta' għalliem tal-Fiżika.

1942-47: Gradwa bid-distinction fil-Fiżika, u akkwista dottorat

1948: Ġie inkluż fi grupp ta' xjentisti Sovjetiċi li kellhom jiżviluppaw bomba atomika u imbagħad bomba tal-idroġenu.

Tard fis-snin 50: Sakharov beda jitħasseb fuq l-implikazzjoni ta' xogħolu. Bil-mod sar kelliem fuq il-proliferazzjoni internazzjonali nukleari u appoġġa t-trattat ta' impediment parzjali fuq it-testijiet nukleari.

Ġejt imneħħi mix-xogħol sigriet fil-quċċata u ġejt "meħlus" mill-privileġġi tan-Nomenklatura Sovjetika

1967-68: Fl-1967 kiteb lill-mexxejja Sovjetiċi fejn talabhom jaċċettaw il-proposta tal-Istati Uniti għal rifjut ta' difiża anti-missila minħabba li din tista' twassal għat-tiġrija tal-armi u iktar riskju fil-gwerra. Hu ġie injorat u għalhekk niżżel il-biża' tiegħu f'riflessjoni intitolata "Riflessjoni fuq il-Progress, il-Koeżistenza Paċifika u l-Libertà Intelletwali" fejn kiteb "il-Libertà tal-Ħsieb hija l-unika garanzija ta' approwċ xjentifiku demokratiku għall-politika, l-ekonomija u l-kultura." Kif nistgħu nobsru ir-rifjut tal-Unjoni Sovjetika bidlet ħajjet Sakharov.

Il-kitbiet tiegħu u t-tixrid tagħhom fis-sigriet bidlitu f'dissident. "*Ġejt imneħħi mix-xogħol sigriet fil-quċċata u ġejt "meħlus" mill-privileġġi tan-Nomenklatura Sovjetika*," stqarr iktar tard.

1970: Jgħin iwaqqaf il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Moska.

1975: Ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi - martu għamlet id-diskors ta' aċċettazzjoni.

1979-80: Jikkritika l-invażjoni Sovjetika tal-Afganistan Għal dan jisfa eżiljat ma' martu lejn belt qrib ta' Nizhny Novgorod sa 1985.

1986: Jinħeles mill-eżilju f'daru minn Mikhail Gorbachev taħt Glasnost u Perestroika.

1988: Il-Parlament Ewropew iwaqqaf premju għad-drittijiet tal-bniedem għall-unuru.

1989: Marzu: elett għall-Parlament Sovjetiku l-ġdid.

December 1989: Imut minn attakk tal-qalb f'daru.
{}
Il-PE u d-drittijiet tal-bniedem

Il-PE dejjem stinka favur id-drittijiet tal-bniedem bażiċi fl-Ewropa u madwar id-dinja. Dawn is-suġġetti jitqajmu fis-Sotto-Kumitat għad-drittijiet tal-bniedem. Il-Premju Sakharov jibqa' wieħed mill-aktar attivitajijiet viżibbli tal-PE favur id-drittijiet tal-bniedem.

Barra dan kull sena l-Premju Sakarhov jingħata lil xi difensur tad-drittijiet tal-bniedem lijkun iddistingwa ruħu.

Fit-18 ta' Ottubru 2010 il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Iżvilupp ser jagħżlu tlett finalisti. Ir-rebbieħ jitħabbar fil-21 ta' Ottubru u l-Premju jingħata għall-ħabta ta' nofs-Diċembru.

Titilfux il-preżentazzjoni uffiċjali mill-Membri u mill-gruppi politiċi għada tal-10 kandidati.

Il-PE u d-drittijiet tal-bniedem

- Kull sena l-PE joħroġ rapport fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem barra l-UE u ieħor fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-UE.
- Tul kull sessjoni plenarja l-PE jħares lejn il-kwistjonijiet urġenti fil-każijiet tal-ksir tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u joħroġ riżoluzzjonijiet fuq is-suġġett
- Il-Parlament jieħu inizjattivi fuq il-prevenzjoni tat-torutura, il-protezjoni tal-minoranzi, il-prevenzjonijiet tal-kunflitt, il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, tan-nisa u ta' attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem

Il-Premju Sakharov 2010: It-tliet finalisti

- Sinjal għall-paċi, għall-viżibilità u għall-kuraġġ
- Finalisti mill-Iżrael, mill-Kuba u l-Etiopja

It-tliet finjalisti tal-Parlament għall-Premju Sakharov huma l-Moviment Iżraelit *Breaking the Silence*, id-dissident Kuban Guillermo Fariñas u l-politikanta Etijopjana Birtukan Mideksa. Dawn ġew magħżula fit-18 ta' Ottubru fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u għall-Iżvilupp. Il-finalist ser jintgħażel minn din il-lista fil-21 ta' Ottubru mill-mexxejja tal-gruppi politiċi. Il-Premju annwali għal-Libertà tal-Ħsieb ser jingħata f'nofs Diċembru. Ibqa' magħna.

Breaking the Silence -il-moviment intressaq mill-Grupp tal-Ħodor/EFA) flimkien mal-Grupp tax-xellug (GUE/NGL). Imwaqqaf fl-2004 mill-Forzi għad-Difiża Iżraeljana (IDF), suldati u veterani, din l-organizzazzjoni non-governattiva tadħem biex tesponi lill-pubbliku ir-realtajiet krudili tal-okkupazjoni hekk kif tidher minn għajnen is-suldati Iżraeljani. Hu timmira ukoll biex tqajjem dibattitu fuq l-impatt tal-okkupazzjoni pprolongata kemm fuq il-popolazzjoni Palestinjana u dik Iżraelita.

Hekk kif jisimha "inkissru s-silenzju" il-missjoni ta' BTS hija li tkisser is-silenzju tas-suldati IDF li jirritornaw lejn is-soċjetà. L-organizzazzjoni tippubblika rapporti filmati u bil-miktub fuq il-websajt tagħha. Il-membri tagħha jimorru madwar id-dinja biex jitkellmu fuq dak li raw. Fil-fatt il-gvern Iżraeljan tant wera li ma ħax gost b'dak li qed jagħmlu li pprotesta kontra fondi li ġejjin minn gvernijiet oħra favur il-BTS.

"Jekk nivvotaw għal Breaking the Silence inkunu qed nivvotaw għall-paċi, inkunu qed nivvotaw għall-unur tad-demokrazija Iżraeljana u nkunu qegħdin ngħidu li aħna favur it-twaqqif ta' żewġ stati: dak Palestinjan u dak Iżraeljan (...) Bil-premju inkunu qed nagħtu ċans lill-paċi", iddikjara Daniel Cohn-Bendit (Ħodor/EFA, FR).

Guillermo Fariñas - tabib ta' 48-il sena, tressaq minn Joseph Daul, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jaime Mayor Oreja, Jacek Saryusz-Wolski, Jarosław Leszek Wałęsa and Francisco José Millán Mon għan-nom tal-Grupp PPE, il-grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti flimkien ma' Edvard Kožušník u 91-il Membru ieħor.

Tabib fil-psikoloġija, ġurnalist indipendenti u dissident politiku hu qatta 11-il sena u nofs fil-ħabs. Fariñas għamel ukoll 23-il strajk tal-ġuħ biex jipprotesta kontra r-reġim Kuban, iċ-ċensura u l-ksur tad-drittijiet umani, "mhux biex jiġġieled għalih innifsu", stqarr José Ignacio Salafranca (EPP, ES), "imma biex jiddefendi l-kompatrijotti tiegħu." It-tobba qalu li fl-aħħar strajk tiegħu ta' erbgħa li spiċċat f'Lulju li għadda hu wasal f'xifer il-mewt biex jitlob il-ħelsien tal-attivisti fl-oppożizzjoni li ntefgħu fil-ħabs.

Il-Membri li ppreżzentawh jargumentaw li "Guillermo Fariñas huwa dawl ta' tama għall-ġurnalisti u attivisti li jinsabu fil-ħabs. Minħabba li hu favur in-non vjolenza, għaliex jiddefendi d-dinjità u d-demokrazija f'pajjiżu huwa l-kandidat ideali għall-Premju Sakharov." Fariñas ingħata l-premju "Riporters mingħajr fruntieri għall-internet fl-2006.

Is-Sa. Birtukan Mideksa -nominata mill-Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Socjalisti u d-Demokratici fil-Parlament Ewropew (S& D). Politikanta Etiopjana u eks-imħallfa, hi l-mexxejja tal-partit tal-oppożizzjoni Unità għad-Demokrazija u l-Ġustizzja. Fit-28 ta' Diċembru 2008, hija kienet ikkundannat għal għomorha il-ħabs, wara li tkellmet ma' ġurnalisti fl-Isvezja. Hi tkompli "l-ġlieda paċifika għal iktar demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt" fl-Etiopja. Inħellset wara sentejn ħabs f'Ottubru li għadda.

Skont il-grupp Soċjalista "il-Premju Saharov għandu jingħata lil dawk li għandhom bżonn viżibilità u protezzjoni. Bili nagħtu l-Premju Saharov lil Birtukan Mideksa, billi tkun qed tirrappreżenta l-priġuniera politikanti Etiopjani kollu, il-Parlament Ewropew ikun qed jagħti tama u jitlob l-attenzjoni lejn din l-omm żagħżugħa, waħda mill-ftit nisa mexxejja ta' partiti fl-Afrika. Ikun qed jiggarantixxi viżibilità għall-ġlieda ta' priġuniera politiċi minsija fil-ġlieda għall-ġustizzja, ir-rispett tal-liġi u d-demokrazija fl-Etijopja," iddikjara Adrian Severin (S&D, RO).

***Il-parti li jmiss*:** Min ser jirbaħ il-Premju Sakharov 2010?

Il-Premju Sakharov 2010 jintrebaħ mid-dissident Kuban Guillermo Fariñas

Il-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2010 tal-Parlament Ewropew ingħata lid-dissident Kuban Guillermo Fariñas. Ir-rebbieħ kien imħabbar mill-President tal-PE Jerzy Buzek fi Strasburgu fil-21 ta' Ottubru. Nominat f'isem dawk kollha li jiġġieldu għal-libertà tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kuba, il-psikologu ta' 48-il sena, li hu wkoll ġurnalista indipendenti u dissident politiku, ipparteċipa f'23 strajk tal-ġuħ matul is-snin biex jipprotesta kontra r-reġim Kuban. Fariñas ser jiġi mistieden biex jirċievi l-premju ta' €50,000 fi Strasburgu fil-15 ta' Diċembru.

Wara d-deċiżjoni tal-mexxejja tal-gruppi politiċi, il-President tal-PE Jerzy Buzek ħabbar ir-rebbieħ u qal "Guillermo Fariñas kien lest li jisagrifika u jirriskja ħatjhu stess u juża l-ħajja bħala mezz ta' pressjoni biex tinkiseb bidla fil-Kuba."
"Nittama li nkun nista' ngħaddi l-premju lilu personalment, hawnhekk fi Strasburgu f'Diċembru. Dan ikun mument importanti għall-Parlament Ewropew u għall-priġunieri ta' kuxjenza Kubani kollha. Sinċerament nittama li, flimkien ma' Guillermo Fariñas, id-Damas de Blanco, ir-rebbieħa Sakharov mill-Kuba li rebħu fl-2005, se jkun jistgħu jiġbru l-Premju Sakharov tagħhom".

Il-ġlieda ta' Guillermo Fariñas: ġlieda għal-libertà tal-kelma u l-internet

Guillermo Fariñas, li kien suldat qabel, ssieħeb fl-oppożizzjoni fl-1989, wara li rrinunċja għas-sħubija tiegħu tal-Lega Żgħażagħ Komunisti. Psikologu kwalifikat u ġurnalista, waqqaf "L-Istampa Cubanacána", aġenzija tal-istampa indipendenti, bil-ħsieb li titqajjem kuxjenza fil-bqija tad-dinja dwar id-destin ta' priġunieri politiċi fil-Kuba. L-aġenzija ġiet magħluqa u l-ebda pubblikazzjoni ma' għada tinħareġ.
Fariñas qatta' 11-il sena u nofs fil-ħabs u għażel l-istrajk tal-ġuħ bħala mod biex titqajjem kuxjenza dwar l-oppressjoni fil-pajjiż tiegħu. Huwa kompla fuq strajk tal-ġuħ fl-2006 biex jipprotestaw kontra ċ-ċensura tal-internet u ssejjaħ għal-libertà ta' aċċess għall-internet għal kulħadd. Fid-dawl ta' dan kien mogħti l-Premju għal-Liberta tal-Internet tar-Reporters Bla Fruntieri fl-2006.

L-aħjar strajk tal-ġuħ: Fariñas kważi jmut

Fariñas temm l-istrajk tal-ġuħ li beda f'Lulju 8. Dan wara 135 jum ma jiekolx - wara l-gvern Havana ħabbar ir-rilaxx ta' 52 priġunieri politiċi wara medjazzjoni tal-Knisja Kattolika. Kien beda strajk tal-ġuħ wara l-mewt kontroversjali ta' Orlando Zapata Tamayo.
"Il-Guillermo Fariñas" kienet - u tibqa' - eżempju brillanti għad-difensuri tal-libertà u d-demokrazija", argumentaw il-MPE.
Dan hi t-tielet darba li jingħata l-Premju Sakharov lil dissident Kuban: l-oħrajn kienu d-Damas de blanco fl-2005 u Oswaldo José Payá Sardiñas fl-2002.

Il-Għoti tal-Premju Sakharov f'Diċembru

Parlament Ewropew se jagħti l-Premju Sakharov tiegħu għal-Libertà tal-Ħsieb - li jikkonsisti ta' ċertifikat u ċekk ta' € 50,000 - fil-15 ta' Diċembru fi Strasburgu. Il-rebbieħ ser jiġu mistieden biex ipparteċipaw fiċ-ċerimonja tal-għoti.
Din se tkun it-22 darba li l-PE jagħti rikonoxximent lill-individwi jew organizzazzjonijiet li għamlu kontribuzzjoni importanti fil-ġlieda għad-drittijiet tal-bniedem jew demokrazija. Il-ċerimonja tal-premjazzjoni tradizzjonalment issir madwar l-10 ta' Diċembru, il-jum tan-NU li jfakkar id-drittijiet tal-bniedem jum. Is-sena 2010 hi wkoll is-60 anniversarju tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.